MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 335/2003

**Anthony Piscopo**

**Vs**

**Manuel Galea u b'digriet tal-15 t'April, 2004 gie nominat Dr Leslie Cuschieri bhala Kuratur sabiex jirrapprezenta lill-assenti Manuel Galea**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut ihallas is-somma ta' disa mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu) (Lm921.74c) rapprezentanti danni li huwa sofra f'kollizjoni li sehhet fit-23 ta' Gunju, 2002 fi Triq San Martin, Mgarr waqt li l-attur kien qieghed isuq Peugeot 106 bin-numru LAG 694 u l-konvenut kien qieghed isuq Peugeot 305 bin-numru GAF 381 liema kollizjoni allegatament saret unikament minhabba mperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tal-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li fiha eccepixxa li l-incident mertu tal-kawza gara minghajr it-tort jew htija tal-konvenut u li rriserva li jeccepixxi dwar il-*quantum* mitlub mill-attur hekk kif l-ircevuti relattivi jkunu disponibbli.

Ra d-dokumenti esebiti u x-xhieda traskritta ta' Antoine Piscopo u sema' x-xhieda ta' PS 455 Emmanuel Sammut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

L-attur spjega li huwa kien qieghed isuq fi Triq San Martin, Mgarr bl-intenzjoni li jmur mill-Imgarr ghal Ghajn Tuffieha. Faccata tieghu ra l-vettura misjuqa mill-konvenut u kif raha naqqas l-i*speed* u gibed mal-genb sabiex il-konvenut ikun jista' jghaddi. Jikkonferma li t-triq hija wiesa' bizzejjed biex ighaddu zewg vetturi u zied ighid:

"Il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet irtirata daqsxejn lejn in-nofs. Kif rani, ghafas il-*brake* biex jerga' jidhol fuq sajdu.

Madankollu l-karozza tieghu baqghet titkaxkar. L-i*steering* kien miksur kollu tal-vettura misjuqa mill-konvenut sabiex jipprova jevitani, izda din il-karozza baqghet titkaxkar. Laqatli l-*mudguard* ta' quddiem tal-vettura li kont qed insuq jien, bid-daqqa l-karozza tieghi ntefghet mal-hajt u saret hsara anke fuq in-naha l-ohra tal-karozza."

Huwa qabel mal-pozizzjoni ta' kif il-vetturi gew indikati mill-pulizija fuq l-i*sketch*.

Sema' x-xhieda ta' PS 455 Emmanuel Sammut li kkonferma l-i*sketch* u dak li hemm indikat fir-*Road Accident Report*. Huwa spjega wkoll li fin-naha tax-xellug tal-vettura ta' l-attur m'hemmx hitan izda t-triq hija *wasteland*. Fl-i*sketch* huwa ndika biss it-*tarmac line*.

Is-Surgent anke spjega li fil-post fejn sehh l-incident hija *blind* ghaliex hemm hotba u min ikun tiela' ma jkunx jista' jara t-traffiku li jkun gej fid-direzzjoni opposta u vice versa

min ikun niezel ma jkunx jista' jara t-traffiku li jkun hemm tiela'. Hemm *arch* fit-triq, hija *blind spot* u kkonferma li ma kienx hemm *brake marks* indikati u ghalhekk m'hemmx *brake marks* immarkati fuq l-i*sketch*. Fuq kontro-ezami huwa qal hekk:

"Qieghed jigi rrimarkat lili dak li xehed Antoine Piscopo fis-seduta tat-8 ta' Mejju, 2003 u senjatament fit-tielet paragrafu, a fol 21 tal-process, fejn hu qal li meta sehh l-incident, apparti li l-vettura tieghu ntlaqtet mill-vettura l-ohra, l-vettura tieghu wkoll laqtet il-hajt tax-xellug, u jiena nghid li sa fejn niftakar jiena hemmhekk m'hemmx hitan. U jekk hemm hajt tas-sejjieh, qieghed iktar 'il fuq, mhux fejn sehh l-incident cjoe' aktar 'il fuq minn fejn habtu huma.

Kieku xi hadd gibidli l-attenzjoni li hemm xi hsara fuq ix-xellug tal-vettura, kont naghmel *property damage* u nnizzilha fir-rapport. Jekk hadd ma ndikali dan, jien ma nizziltx. Jien certament ma ndunajt b'xejn. Qieghed nigi mistoqsi biex nghid jekk il-karozza LAG 694 kellhiex hsara fuq iz-zewg nahat taghha, fuq ix-xellug jew fuq il-lemin, jiena nghid li mill-memorja ma niftakarx, nghid li hemm miktub fir-rapport."

Il-konvenut ma xehedx f'din il-kawza u ghalhekk it-Tribunal qed jaghmel referenza ghal dak li qalu z-zewg sewwieqa lis-Surgent meta sehh l-incident.

L-attur li kien qieghed isuq il-karozza LAG 694 qal hekk:

"Jien kont gej minn hawn u f'salt rajtu gej b'sahha minn quddiemi, ppruvajt nevita izda kien ta' xejn ghax malli hu cjoe' x-xufier l-iehor zamm il-*brake*, l-karozza tieghu baqghet titkaxkar ghal fuqi."

Il-konvenut li kien qieghed isuq il-karozza GAF 381 qal hekk:

"Jien kont gej insuq, gejt wicc imb'wicc ma' dan u accidentalment hbatna."

Fuq ir-*Road Accident Report*, bhala hsara tal-vetturi, fir-rigward tal-vettura ta' l-attur il-kliem preciz qieghed hekk:

"*bonnet, mudguard, bumper, head lamp / ind ect*"
u ghalhekk l-indikazzjoni tal-hsarat sofferti fil-vettura ta' l-attur ma gewx estensivament indikati.

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-i*sketch* li sar mill-pulizija li huwa *to scale* u minn ezami ta' dan l-i*sketch* huwa car li l-*point of impact* bejn iz-zewg vetturi sar fuq in-naha tal-karreggjata ta' l-attur u dan ifisser li bilfors il-konvenut gie *wrong side*.

L-attur li kien qieghed fuq in-naha tieghu tat-triq kellu kull dritt ikun f'dik il-pozizzjoni u jutilizza d-dritta tieghu. L-konvenut ma kellu l-ebda dritt jinvadi l-karreggjata ta' l-attur u meta ghamel hekk u gie *wrong side* kiser ir-regolamenti tat-triq u b'hekk ikkawza l-incident. Il-kawza prossima ta' l-incident kien proprju s-sewqan tal-konvenut.

Jigi rimarkat illi fil-post fejn sehh l-incident huwa *accident blind spot* u ghalhekk iz-zewg vetturi kellhom joqghodu attenti. Minn kif xehed l-attur, meta huwa nnota l-vettura tal-konvenut gejja fid-direzzjoni opposta, huwa sslowja u gibed 'il gewwa izda huwa nnota wkoll li l-konvenut ipprova jiswervja 'l gewwa izda l-karozza tieghu baqghet titkaxkar ghal fuqu. Dan jimplika li l-konvenut certament ma kienx qieghed isuq b'mod prudenti u s-sewqan tieghu kienet il-kawza prossima ta' l-incident. Huwa gab ruhu f'sitwazzjoni ta' *self inflicted incapacity* biex jevita l-incident u ta' dan ghandu jbati l-konsegwenzi relattivi.

Ghal din ir-raguni t-Tribunal m'ghandux ezitazzjoni biex jasal ghall-konkluzjoni li r-responsabbilta' ta' l-incident hija unikament imputabbli ghall-konvenut.
Ghar-rigward il-*quantum* tad-danni, a fol 10 tal-process, l-attur esebixxa *quotation* bil-valur ta' disa' mija u tmintax-il lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm918.74c) liema *quotation* ma gietx ikkonfermata bil-gurament. Permezz ta' nota pprezentata fil-5 ta' Gunju, 2003, l-attur esebixxa seba' (7) dokumenti li jinsabu a fol 31 sa 40 tal-process, li huma l-ircevuti relattivi ghar-riparazzjoni tal-

vettura ta' l-attur li komplessivament jammontaw ghas-somma ta' tmien mija w erbgha u disghin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm 894.18c).

Minn ezami ta' dawn id-dokumenti jidher car li l-hsarat sostanzjali huma fuq il-*front right* tal-vettura ta' l-attur u kien hemm hsarat minimi fil-*left hand side* bhalma huma l-*left hand indicator* u l-*bonnet hinge* tal-*left*.

It-Tribunal jidhirlu li jirrizulta sodisfacentament pruvat illi d-danni sofferti mill-attur jammontaw ghal tmien mija w erbgha u disghin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm894.18c) u l-hsarat *on the left hand side* huma *de minimis* u certament il-hsarat tal-*left indicator* u l-*left hinge* tal-*bonnet* facilment setghu sehhew b'rizultat ta' l-incident mertu tal-kawza, tenut kont l-entita' ta' l-impatt tant illi kien hemm anke hsara fil-*wishbone* u fid-*drive shaft.*

Stante li d-differenza bejn l-ammont likwidat ta' tmien mija w erbgha u disghin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm894.18c) u l-ammont mitlub mill-attur ta' disa' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm921.74c) mhijiex xi differenza kbira u mhux il-kaz li jkun hemm xi temperament fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talba ta' l-attur u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' tmien mija w erbgha u disghin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm894.18c) bl-ispejjez u bl-interessi mill-5 ta' Gunju, 2003 cjoe' d-data ta' meta l-ammont mitlub gie korrettament likwidat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------